MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Appell Kriminali Numru. 148/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mario Vella Gatt**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Vella Gatt talli ghan-nom u in rappresentanza ta' Bacchus Company Limited u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta' l-1998) u r-regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fit-23 ta' Marzu 2001, ghall-habta tad-9.30pm fil-Bacchus Restaurant, 1, Triq Inguanez, Mdina, Malta naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti u jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta' l-erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa

fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-Artikoli 51, 77(a)(e) u 82(2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta’ Lulju, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil imsemmi Mario Vella Gatt hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ mitejn lira (Lm200);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Mario Vella Gatt, minnu prezentat fid-29 ta’ Lulju, 2003 li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija *sentenza*;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Frar, 2004 li permezz tieghu din il-Qorti cahdet it-talba ta’ l-appellant ghall-produzzjoni tax-xhud Brian Grima;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Jirrizulta bhala fatt li fil-gurnata indikata fl-imputazzjoni tlett spetturi tal-VAT dahlu f’xi 9.15 pm fir-*restaurant* in kwistjoni u hemm innotaw fuq il-bank kont – li ma kienitx ricevuta fiskali – ghas-somma ta’ Lm18.11. Il-persuna li kienet inkarigata mill-*cash register*, meta ingibditlu l-attenzjoni li dak id-dokument ma kienx jekwivali ghal ricevuta fiskali, mill-ewwel hareg ricevuta fiskali (mill-*cash register* fskali) u ghaddieha lill-imsemmija spetturi. Ghalhekk jirrizulta li min kien hallas dawk it-tmintax-il lira u hdax-il centezmu ma kienx inghata ricevuta fiskali fl-ewwel lok. L-ispetturi talbu ukoll l-*X reading* minn fuq il-*cash register* fiskali u dan, sorprendentement, kien jindika biss total <u>ghall-gurnata kollha li fih kien miftugh ir-*restaurant*</u> ta’ Lm19.16. Ghalhekk, anke jekk wiehed kellu jiskarta bhala *hearsay* dak kollu li qal Brian Grima – il-persuna li kellmu l-ispetturi li pero` ma giex prodott bhala xhud mill-prosekuzzjoni – hemm provi bizzejjed li jindikaw li f’dak il-lokal ma kienitx qed tinhareg ricevuta fiskali ma kull kont li kien qed jithallas.

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li huwa ma kellux jinstab hati minhabba n-nuqqas ta' haddiehor, cioe` ta' min kien effettivament responsabbli mil-lokal dik il-gurnata u f'dak il-hin, u dan peress li huwa (cioe` l-appellant) bhala l-principal jew il-persuna registrata ma kienx jaf u ma setax b'diligenza ragonevoli jkun jaf bin-nuqqas ta' dik il-persuna l-ohra u huwa kien ghamel kullma seta jaghmel biex dak in-nuqqas ma javverax ruhhu. Kif gie ripetutament imfisser minn din il-Qorti, tali prova – li skond il-ligi tinkombi fuq l-impuatat jew, bhal f'dan il-kaz, fuq l-appellant – bizzejjed li ssir sal-grad tal-probabbli. Mid-deposizzjoni ta' l-appellant moghtija quddiem din il-Qorti b'ebda mod ma jista' jinghad li l-appellant ghamel din il-prova sa dan il-grad li trid il-ligi. Kullma qal hu li lil Brian Grima huwa kien spjegalu li kellha tinhareg ricevuta fiskali, apparti r-ricevuta jew kont bil-*computer*, u li tali ricevuta fiskali kellha tinghata ma' kull kont li kien jithallas. Jekk verament Brian Grima kien *reservations manager*, din il-Qorti difficilment tista' temmen li dan Grima ma kienx jaf, anke minghajr ma jinghad lilu espressament mill-appellant, bl-obbligu li tinhreg ricevuta <u>fiskali</u> ma kull pagament li jsir, aktar u aktar jekk dan kien ilu jahdem f'dan il-lokal ghal sitt xhur!!

It-tieni aggravju hu fis-sens li l-ewwel qorti erroneament waslet ghall-konkluzzjoni li kien hemm <u>zewg</u> *cash registers* li wiehed minnhom ma kienx fiskali. Skond l-appellant dan ma hux minnu, peress li l-*cash register* li kien hemm kien wiehed fiskali, mentri l-iehor kien semplicement *computer* li jaghti *print out* ta' *itemised bill*. Skond l-appellant il-klient jinghata kemm l-*itemised bill* kif ukoll ir-ricevuta fiskali. Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma, bhalma certament kienet tal-fehma l-ewwel qorti, li ghall-anqas fir-rigward tal-kont ta' Lm18.11 din il-procedura ma kientx giet segwita.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------